MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2006

Numru. 619/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**
**v**

**JOSEPH ZAMMIT bin Anthony u Catherine nee' Cassar, imwieled fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1944 u residenti 5, Marjoe Hse, Triq Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 93044(G).**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH ZAMMIT** bin Anthony u Catherine nee' Cassar, imwieled fis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1944 u residenti 5, Marjoe Hse, Triq Ghajn Melel, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita

numru 93044G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar is-sittax ta’ Settembru 2004 u jew fil-jiem ta’ qabel f’Ghawdex:

1) Personalment jew permezz ta’ terzi minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita’ jedd li jippretendi li ghandu, jew b’xi mod iehor kontra il-ligi, indahal fi hwejjeg haddiehor meta qabad u dahal f’raba msejha bhala ‘Ta’ San Pawl’ Limiti San Lawrenz, Ghawdex, ta’ kejl ta’ cirka disat itmiem raba jew kejl iehor verjuri u harat parti minnha u dan minghajr ebda dritt fil-ligi;

2) Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ghamel kontravenzjoni kontra l-propreta’ ta’ haddiehor;

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Victor Formosa, lil Mario Formosa, lil John Baptist Mercieca, lil PS 1040 John Grima u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Peress li mill-provi prodotti l-akkuzi ma jirrizultawx ippruvata bl-ahjar mod ghas-sodisfazzjon taghha, **l-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOSEPH ZAMMIT hati tal-akkuzi kif dedotta fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------